



30.4.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (COM(2017)0085 – C8-0034/2017 – 2017/0035(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Claude Turmes

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Artikolu 291 tat-Trattat ta' Lisbona jipprevedi li l-atti leġiżlattivi għandhom jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni meta jkunu meħtieġa kundizzjonijiet uniformi ta' eżekuzzjoni. Il-mod kif l-Istati Membri jikkontrollaw l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni u jadottaw l-atti ta' implimentazzjoni relatati huwa stabbilit fir-Regolament 182/2011, li hawnhekk qed jiġi propost għal reviżjoni.

F'ħafna każijiet, il-proċedura eżistenti qed taħdem sew. Madankollu, hemm każijiet, b'mod partikolari taħt il-"proċedura ta' eżami", li huma aktar problematiċi, u dawn joħlqu kwistjonijiet dwar ir-responsabbiltà u s-sjieda tad-deċizzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, speċjalment f'oqsma politikament sensittivi, bħal fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti.

Skont il-"proċedura ta' eżami", hemm bżonn ta' maġġoranza kwalifikata favur l-att ta' implimentazzjoni propost mill-Kummissjoni sabiex dan jiġi adottat. Jekk din il-maġġoranza ma tintlaħaqx, il-Kummissjoni tista' tappella lill-Kumitat ta' Appell. U jekk l-ebda maġġoranza ma tiġi stabbilita fil-Kumitat ta' Appell la favur u lanqas kontra l-att ta' implimentazzjoni (sitwazzjoni ta' "l-ebda opinjoni"), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tadotta jew tirrifjuta l-att waħedha.

Sabiex tindirizza din il-problema, fir-reviżjoni tagħha l-Kummissjoni qed tipproponi li:

- Il-pożizzjonijiet tal-votazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri individwali fil-Kumitat ta' Appell isiru pubbliċi;
- Jiġu introdotti livelli addizzjonali ta' appell fil-livell ministerjali u possibbilment il-kwistjoni mbagħad tiġi riferuta lill-Kunsill għal orjentazzjoni;
- L-astensjonijiet ma jingħaddux u jiġi introdott kworum ġdid għall-parteċipazzjoni fil-votazzjonijiet (maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri).

Ir-rapporteur għal opinjoni jappoġġja bis-sħiħ il-proposta biex titjieb it-trasparenza u jissuġġerixxi aktar miżuri simili tul il-proċedura, inkluż li l-Istati Membri jkunu mitluba jipprovdu ġustifikazzjonijiet għall-adozzjoni jew ir-rifjut ta' att ta' implimentazzjoni. Min-naħa l-oħra, ir-rapporteur għal opinjoni jemmen li l-livelli addizzjonali ta' appell proposti x'aktarx li ma jkunux ta' għajjnuna, minħabba li l-esperjenza turi li l-eżiti tal-votazzjonijiet fil-kumitati ta' appell rarament ikunu differenti mill-eżiti fil-kumitati permanenti. Ir-rapporteur għal opinjoni huwa wkoll ferm kontra t-tibdil propost fil-kworum u fil-prattiki tal-għadd tal-voti, u jqishom inaċċettabbli mil-lat demokratiku.

Biex issolvi l-problema li tinholq f'sitwazzjonijiet ta' "l-ebda opinjoni", il-proposta hija li ssir distinzjoni bejn il-każijiet skont il-qasam u n-natura tad-deċizzjoni. Għal prodotti u sustanzi fl-oqsma tas-saħħa, tal-annimali u tal-pjanti, il-Kummissjoni tkun mitluba tipprojbixxi s-sustanza jekk ma jkun hemm l-ebda maġġoranza kwalifikata favur l-għoti tal-awtorizzazzjoni tagħha. Din il-proċedura tneħħi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel każ b'każ u tiżgura aktar ċertezza legali peress li l-obbligu li ma tawtorizzax is-sustanza f'każ ta' nuqqas ta' maġġoranza jkun minqax f'dan ir-Regolament.

Barra minn hekk, f'każijiet li jinvolvu l-istess att bażiku, b'mod sistematiku hemm sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri ma jagħtux opinjoni. F'dawn il-każijiet, għandu jkun previst li l-Kummissjoni tikkunsidra reviżjoni tal-att bażiku dwar dak il-punt preċiż.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jstieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-Parlament Ewropew waqqaf kumitat speċjali biex jeżamina l-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi fl-Unjoni bl-għan li jidentifika l-kunflitti ta' interess potenzjali fil-proċedura ta' approvazzjoni u li jeżamina r-rwol tal-aġenziji tal-Unjoni, u jara jekk għandhomx livell ta' persunal u finanzjament adegwat biex iwettqu l-obbligi tagħhom. Ir-rapport finali tal-konstatazzjonijiet fattwali u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, li jrid jiġi approvat mill-Parlament fil-plenarja, jenħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni biex tissaħħaħ is-sistema stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 182/2011.

Ġustifikazzjoni

Il-kumitat speċjali stabbilit mill-Parlament Ewropew se jindirizza wħud mill-proċeduri ferm speċifiċi ta' din il-proposta. Għalhekk l-eżitu tiegħu jista' jbidel l-approċ tagħna u għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-bidu.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

(2) Is-sistema stabbilita bir-Regolament (**KE**) Nru 182/2011, b'mod globali, uriet li taħdem sew fil-prattika u sabet bilanċ istituzzjonali xieraq fir-rigward tar-rwoli tal-Kummissjoni u l-atturi l-oħra involuti. Din is-sistema **għandha** għalhekk tkompli taħdem bl-istess mod ħlief għal ċerti emendi mmirati li jikkonċernaw **l-aspetti** speċifiċi tal-proċedura fil-livell tal-kumitat ta' appell. Dawn l-emendi huma maħsuba sabiex **jassiguraw ir-responsabbiltà** politika **u responsabbiltà** ta' atti ta' implimentazzjoni politikament sensitivi mingħajr, madankollu, ma jimmodifikaw ir-responsabbiltajiet legali u istituzzjonali għal atti ta' implimentazzjoni kif organizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(2) Is-sistema stabbilita bir-Regolament (**UE**) Nru 182/2011, b'mod globali, uriet li taħdem sew fil-prattika u sabet bilanċ istituzzjonali xieraq fir-rigward tar-rwoli tal-Kummissjoni u l-atturi l-oħra involuti. Din is-sistema għalhekk **jenħtieġ li** tkompli taħdem bl-istess mod ħlief għal ċerti emendi mmirati li jikkonċernaw **aspetti** speċifiċi **tal-proċedura ta' eżami, tal-proċedura konsultattiva u** tal-proċedura fil-livell tal-kumitat ta' appell. Dawn l-emendi huma maħsuba sabiex **jiżguraw sjieda u responsabbiltà** politika **usa', b'mod partikolari mill-Istati Membri**, ta' atti ta' implimentazzjoni politikament sensitivi **u sabiex jittieħed aktar kont tal-prinċipju ta' prekawzjoni**, mingħajr, madankollu, ma jimmodifikaw ir-responsabbiltajiet legali u istituzzjonali għal atti ta' implimentazzjoni kif organizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

(3) F'għadd ta' każijiet speċifiċi, ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 **jipprovi għal** riferiment lill-kumitat ta' appell. Fil-prattika, il-kumitat ta' appell ġie **maqbud** f'każijiet fejn l-ebda maġġoranza kwalifikata, la favur u lanqas kontra, ma ntlaħqet fil-kumitat fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami u għalhekk ma nġhatat l-ebda opinjoni. Fil-maġġoranza tal-każijiet, dan seħħ fir-rigward ta' organiżmi ġenetikament modifikati u ikel u għalf ġenetikament modifikati u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(3) F'għadd ta' każijiet speċifiċi, ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 **jipprevedi** riferiment lill-kumitat ta' appell. Fil-prattika, il-kumitat ta' appell ġie **interpellat** f'każijiet fejn l-ebda maġġoranza kwalifikata, la favur u lanqas kontra, ma ntlaħqet fil-kumitat fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami u għalhekk ma nġhatat l-ebda opinjoni. Fil-maġġoranza tal-każijiet, dan seħħ fir-rigward ta' organiżmi ġenetikament modifikati u ikel u għalf ġenetikament modifikati u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, **li huma kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom l-opinjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istati Membri**

huma ta' importanza assoluta.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-esperjenza wriet li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-kumitat ta' appell jirrepeti l-eżitu tal-kumitat ta' eżami u jirriżulta fl-ebda opinjoni. Għalhekk, il-kumitat ta' appell ma għenx biex **jipprovdu** ċarezza dwar il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri.

Emenda

(4) L-esperjenza wriet li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-kumitat ta' appell jirrepeti l-eżitu tal-kumitat ta' eżami u **ma** jirriżulta fl-ebda opinjoni. Għalhekk, il-kumitat ta' appell ma għenx biex **jipprovdi** ċarezza dwar il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri, **u tali sitwazzjonijiet ta' ambigwià konsegwentement inaqqsu r-ritmu tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni rigward kwistjonijiet sinifikanti ħafna.**

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Filwaqt li f'dawn il-każijiet il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddeċiedi, minħabba s-sensittività partikolari tal-kwistjonijiet ikkonċernati, jenħtieġ li l-Istati Membri jassumu **ħafna r-responsabbiltà tagħhom b'mod sħiħ** fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. **Madankollu, dan ma huwiex il-każ** meta l-Istati Membri ma jkunux **f'pożizzjoni li** jilhqqu maġġoranza kwalifikata, **minħabba, fost l-oħrajn, għadd sinifikanti ta' astensjonijiet jew nuqqas ta' dehriet fil-mument tal-vot.**

Emenda

(7) Filwaqt li f'dawn il-każijiet il-Kummissjoni **attwalment** għandha s-setgħa li tiddeċiedi, minħabba s-sensittività partikolari tal-kwistjonijiet ikkonċernati, jenħtieġ li l-Istati Membri jassumu **responsabbiltà akbar** fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. **Għalhekk, huwa ta' importanza assoluta li l-Istati Membri jiġu inċentivati biex jieħdu deċiżjoni ċara, favur jew kontra, u jipparteċipaw b'mod attiv matul is-sessjonijiet ta' votazzjoni għall-inqas billi jkunu preżenti. Meta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni jikkonċerna l-protezzjoni tas-saħħa jew tas-sikurezza tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti, jenħtieġ li jipprevali l-prinċipju ta' prekawzjoni.** Meta, **f'każijiet bħal dawn,** l-Istati Membri ma jkunux **jistgħu** jilhqqu maġġoranza kwalifikata

favur proposti għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għal prodott jew sustanza, jenħtieġ li jitqies li dik l-awtorizzazzjoni tkun ġiet irrifjutata.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Sabiex jiżdied il-valur miżjud tal-kumitat ta' appell, ir-rwol tiegħu għalhekk għandu jkun imsaħħaħ billi tkun provduta l-possibbiltà ta' laqgħa ulterjuri tal-kumitat ta' appell kull meta ma tkun inġhatat l-ebda opinjoni. Il-livell xieraq ta' rappreżentazzjoni waqt il-laqgħa ulterjuri tal-kumitat ta' appell għandu jkun ta' livell ministerjali, biex tkun żgurata diskussjoni politika. Biex tkun possibbli l-organizzazzjoni ta' laqgħa ulterjuri bħal din, il-perjodu ta' żmien biex il-kumitat ta' appell jagħti opinjoni jenħtieġ li jiġi estiż.

imħassar

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Ir-regoli tal-votazzjoni tal-kumitat ta' appell jenħtieġ li jinbidlu sabiex jitnaqqas ir-riskju li ma tingħata l-ebda opinjoni u biex jipprovdu inċentiv lir-rappreżentanti tal-Istati Membri biex jieħdu pożizzjoni ċara. Għal dan l-għan l-Istati Membri li huma preżenti jew rappreżentati biss, u li ma jastjenux, għandhom jitqiesu bħala Stati Membri parteċipanti għall-kalkolu tal-maġġoranza kwalifikata. Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat tal-vot huwa

imħassar

rappreżentattiv, vot għandu jitqies bħala validu biss jekk maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri huma membri parteċipanti tal-kumitat ta' appell. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien biex il-kumitat jieħu deċiżjoni, jitqies li l-kumitat ma ta l-ebda opinjoni, kif inhu l-każ illum.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà, f'każijiet speċifiċi, li titlob lill-Kunsill biex jindika l-opinjoni u l-orjentazzjoni tiegħu fuq l-implikazzjonijiet usa' ta' nuqqas ta' opinjoni, inklużi l-implikazzjonijiet istituzzjonali, legali, politiċi u internazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis kwalunkwe pożizzjoni espressa mill-Kunsill fi żmien 3 xhur wara r-riferiment. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' tindika skadenza iqsar fir-riferiment.

imħassar

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) It-trasparenza dwar il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-livell tal-kumitat ta' appell jenħtieġ li tiżdied u l-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri individwali jenħtieġu jsiru pubbliċi.

(11) Jenħtieġ li tiżdied it-trasparenza matul il-proċedura sħiħa: il-proċedura ta' eżami, dik konsultattiva u dik tal-kumitat ta' appell tiżdied. B'mod partikolari, il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri individwali, inklużi l-intenzjonijiet tal-votazzjoni tagħhom meta ma ssir l-ebda votazzjoni formali, jenħtieġ li jsiru pubbliċi. Dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li japplikaw għall-votazzjonijiet fil-kumitat

ta' appell, fil-kumitat ta' eżami u matul il-proċedura konsultattiva. Jenħtieġ li jkun hemm informazzjoni aktar dettaljata disponibbli għall-pubbliku dwar il-kompożizzjoni tal-kumitati tal-esperti.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 3 – paragrafu 7 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) fl-Artikolu 3(7), jiżdied is-sitt subparagrafu li ġej:

imħassar

"Meta ma tingħata l-ebda opinjoni fil-kumitat ta' appell skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3), il-president jista' jiddeċiedi li l-kumitat ta' appell għandu jagħmel laqgħa ulterjuri, f'livell ministerjali. F'dawn il-każijiet, il-kumitat ta' appell għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien 3 xhur mid-data ta' riferiment inizjali.";

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied it-tieni sottoparagrafu li ġej:

imħassar

"Madankollu, il-membri tal-kumitat ta' appell li jkunu preżenti jew irrappreżentati waqt il-vot biss, u li ma jastjenux milli jivvotaw, għandhom jitqiesu bħala membri parteċipanti tal-kumitat ta' appell. Il-maġġoranza msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tkun il-maġġoranza kwalifikata msemmija fl-

*Artikolu 238(3) (a) TFUE. **Vot għandu jittqies validu biss jekk maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri huma membri parteċipanti.***";

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 6 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

imħassar

"3a. Meta ma tingħata l-ebda opinjoni fil-kumitat ta' appell, il-Kummissjoni tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill għal opinjoni li tindika l-opinjonijiet u l-orjentazzjoni tiegħu fuq l-implikazzjonijiet usa' tan-nuqqas ta' opinjoni, inklużi l-implikazzjonijiet istituzzjonali, legali, politiċi u internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe pożizzjoni espressa mill-Kunsill fi żmien 3 xhur wara r-riferiment. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' tindika skadenza iqsar fir-riferiment."

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"4a. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, meta l-att bażiku jikkonċerna l-protezzjoni tas-saħħa jew tas-sikurezza tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti u l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni jinvolvi l-ġhoti ta'

awtorizzazzjoni għal prodott jew sustanza, fin-nuqqas ta' opinjoni pożittiva vvotata mill-maġġoranza prevista fl-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta dak l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu jitqies li l-awtorizzazzjoni tkun ġiet irrifjutata.";

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test fis-seħħ

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru pubbliku tal-proċedimenti tal-kumitati li għandu *jinkludi*:

Emenda

(-a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru pubbliku tal-proċedimenti tal-kumitati, li għandu *jkun aċċessibbli bl-internet. Dak ir-reġistru pubbliku għandu jkun fih*:";

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt -aa (ġdid)

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test fis-seħħ

(c) is-sommarji ta' entrati reġistrati, flimkien mal-listi tal-awtoritajiet u *organizzazzjonijiet* li għalihom *jkunu* jappartjenu *l-persuni maħtura mill-Istati Membri bħala rappreżentanti tagħhom*;

Emenda

(-aa) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) is-sommarji ta' entrati reġistrati, flimkien mal-listi *tal-persuni preżenti u* tal-awtoritajiet u *l-organizzazzjonijiet* li għalihom *ikunu* jappartjenu *dawk il-persuni*;"

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ir-riżultati ***tal-vot inklużi, fil-każ tal-kumitat*** ta' appell, ***il-voti espressi mir-rappreżentant ta' kull Stat Membru;***

Emenda

(e) ir-riżultati ***tal-votazzjonijiet, kemm fil-kumitati kif ukoll fil-kumitat*** ta' appell, ***akkumpanjati minn ġustifikazzjoni, inkluż għall-każijiet ta' astensjoni;***

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt aa (ġdid)

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ab (ġdid)

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-paragrafu 5 huwa mibdul b'dan li

imħassar

ġej:

"5. *Ir-referenzi tad-dokumenti kollha msemmija fil-punti (a) sa (d), (f) u (g) tal-paragrafu 1 kif ukoll l-informazzjoni msemmija fil-punti (e) u (h) ta' dan il-paragrafu għandhom isiru pubbliċi fir-reġistru.*"

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 182/2011

Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Barra minn hekk, meta l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill iqisu li jkun meħtieġ li jsir rieżami tal-għoti tas-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fl-att bażiku, jistgħu, fi kwalunkwe waqt, jitolbu lill-Kummissjoni tissottometti proposta li temenda dak l-att bażiku."

Ġustifikazzjoni

Meta jidher li jkun diffiċli li tinkiseb opinjoni pożittiva mill-Istati Membri f'każijiet simili, jista' jkun f'loku li jsir rieżami tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|--|
| Titolu | Ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni |
| Referenzi | COM(2017)0085 – C8-0034/2017 – 2017/0035(COD) |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI 1.3.2017 |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE 1.3.2017 |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Claude Turmes 30.5.2017 |
| Eżami fil-kumitat | 22.1.2018 |
| Data tal-adozzjoni | 24.4.2018 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 31 –: 29 0: 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Zigmantas Balčytis, José Blanco López, David Borrelli, Jonathan Bullock, Cristian-Silviu Buşoi, Reinhard Bütikofer, Angelo Ciocca, Edward Czesak, Jakop Dalunde, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Fredrick Federley, Ashley Fox, Adam Gierek, Theresa Griffin, Rebecca Harms, Eva Kaili, Kaja Kallas, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Zdzisław Krasnodębski, Miapetra Kumpula-Natri, Christelle Lechevalier, Janusz Lewandowski, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Angelika Mlinar, Csaba Molnár, Nadine Morano, Dan Nica, Angelika Niebler, Morten Helveg Petersen, Miroslav Poche, Julia Reda, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Neoklis Sylikiotis, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Henna Virkkunen, Martina Werner, Liese Wierinck, Hermann Winkler, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Pilar Ayuso, Cornelia Ernst, Francesc Gambús, Françoise Grossetête, Werner Langen, Rupert Matthews, Răzvan Popa, Dominique Riquet, Theodor Dumitru Stolojan |
| Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Rosa D'Amato |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 31 | + |
|-----------|--|
| ECR | Edward Czesak, Zdzisław Krasnodębski |
| EFDD | Rosa D'Amato |
| ENF | Angelo Ciocca, Christelle Lechevalier |
| GUE/NGL | Cornelia Ernst, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis |
| NI | David Borrelli |
| S&D | Zigmantas Balčytis, José Blanco López, Adam Gierek, Theresa Griffin, Eva Kaili, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Miapetra Kumpula-Natri, Edouard Martin, Csaba Molnár, Dan Nica, Miroslav Poche, Răzvan Popa, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho |
| VERTS/ALE | Reinhard Bütikofer, Jakop Dalunde, Rebecca Harms, Julia Reda, Claude Turmes |

| 29 | - |
|-----------|---|
| ALDE | Fredrick Federley, Kaja Kallas, Angelika Mlinar, Morten Helveg Petersen, Dominique Riquet, Lieve Wierinck |
| ECR | Ashley Fox, Rupert Matthews |
| EFDD | Jonathan Bullock |
| ENF | Barbara Kappel |
| PPE | Pilar Ayuso, Cristian-Silviu Buşoi, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Francesc Gambús, Françoise Grossetête, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Werner Langen, Janusz Lewandowski, Nadine Morano, Angelika Niebler, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Theodor Dumitru Stolojan, Vladimir Urutchev, Henna Virkkunen, Hermann Winkler |

| 1 | 0 |
|----------|------------------|
| ECR | Evžen Tošenovský |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni